PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

22.12.2008

EMENDI
1 - 65

Abbozz ta' rapport
Gérard Deprez
(PE414.169v02-00)

fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja nhar it-18 u d-19 ta' Settembru
(emerġenza għal kampijiet tan-nomadi)

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Title

Test tar-rapport	*Emenda*
fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja nhar it-18 u d-19 ta' Settembru (emerġenza għal kampijiet ***tan-nomadi***[1])	fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja nhar it-18 u d-19 ta' Settembru (emerġenza *għall*-kampijiet ***tar-Roma***)

Or. en

Emenda 2
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-ItaljaIż-żjara

Test tar-rapport	*Emenda*
	Bi tħejjija għaż-żjara, il-Kumitat LIBE talab parir lis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew dwar: "Il-kriminalizzazzjoni eventwali tal-immigrazzjoni legali – Pieni aktar ħorox – Il-kompatibiltà mal-liġi tal-Unjoni Ewropea u mad-drittijiet fundamentali", u dan tal-aħħar ippreżenta l-konklużjonijiet li ġejjin: ***- dwar il-preżenza irregolari taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea:*** ***(i) id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-liġi Komunitarja jopponu leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkunsidra bħala ċirkostanza aggravanti ġenerali, fir-rigward ta' reat jew ta' delitt imwettaq, il-fatt biss li l-persuna inkwistjoni tkun ċittadina ta' Stat Membru li tkun preżenti b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;*** ***- dwar is-sitwazzjoni tal-immigranti illegali***

[1] Din l-emenda tapplika tul it-test kollu

	(ii) l-ebda dispożizzjoni tat-Trattati li jistabbilixxu l-UE u l-KE jew ta' dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ma topponi l-fatt li l-immigrazzjoni illegali tista' titqies minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħala delitt jew reat u tiġi kkastigata bħala tali permezz ta' pieni, filwaqt li jiġi rispettat, ovvjament, il-prinċipju tal-proporzjonalità tal-pieni meta pparagunati mal-ksur li sar u, b'mod aktar ġenerali, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali;
	(iii) piena aktar ħarxa, f'każ li l-persuna li twettaq ir-reat tkun ċittadina ta' Stat terz u preżenti fit-territorju ta' Stat Membru bħala immigranta illegali, ma tiġix mid-dritt tal-Unjoni u tal-Komunità, għaliex din hija kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.
Iż-żjara seħħet mit-18 sad-19 ta' Settembru 2008 u f'dak il-kuntest id-Delegazzjoni tal-PE kellha l-opportunità li tiltaqa' ma' membri miż-żewġ Kmamar Taljani, mal-Ministru għall-Affarijiet Interni Taljan, mas-Sindku ta' Ruma, mas-Superviżur Taljan għall-Protezzjoni tad-Dejta u ma' għadd ta' NGOs.	Iż-żjara seħħet mit-18 *sal-20* ta' Settembru 2008 u f'dak il-kuntest id-Delegazzjoni tal-PE kellha l-opportunità li tiltaqa' ma' membri miż-żewġ Kmamar Taljani, mal-Ministru għall-Affarijiet Interni Taljan, mas-Sindku ta' Ruma, mas-Superviżur Taljan għall-Protezzjoni tad-Dejta u ma' għadd ta' NGOs.
	Or. it

Emenda 3
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Iż-żjara

Test tar-rapport	*Emenda*
Abbozz ta' rapport	*Abbozz ta' rapport*
Meta wieħed iqis ir-Riżoluzzjoni tal-PE tal-10 ta' Jannar 2008, id-delegazzjoni LIBE iffokat l-aktar fuq il-kwistjonijiet li ġejjin (u li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitat LIBE):	Meta wieħed iqis ir-Riżoluzzjoni tal-PE tal-10 ta' *Lulju* 2008, id-delegazzjoni LIBE iffokat l-aktar fuq il-kwistjonijiet li ġejjin (u li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitat LIBE):

▪ Ir-riskju tad-deskriminazzjoni diretta jew indiretta (art. 13 TEC) li tista' tiġi minn ċensiment magħmul għar-raġunijiet ta' sigurtà pubblika ta' kategoriji ta' nies bħal nomadi ta' oriġini ROMA;	▪ Ir-riskju *ta' diskriminazzjoni* diretta jew indiretta (*Art*. 13 TEC) li tista' tiġi minn ċensiment magħmul *għal* raġunijiet ta' sigurtà pubblika ta' kategoriji ta' nies bħal nomadi ta' oriġini ROMA;
▪ il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari id-drittijiet tal-minuri;	▪ il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari id-drittijiet tal-minuri***, skont l-Artikolu 29 dwar il-prevenzjoni tar-reati kontra l-minuri u l-Artikoli 33 TUE e 64 TEC dwar iż-żamma tal-ordni pubblika u s-salvagwardja tas-sigurtà interna;***
▪ it-tkeċċija ta' ċittadini tal-UE minħabba li mhumiex konformi mal-liġi Ewropea u l-aktar mad-Direttiva 38/2004 (din il-kwistjoni hija wkoll is-suġġett ta' rapport speċifiku ta' inizjattiva tal-LIBE li jirreferi għas-sitwazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE u ntbagħat kwestjonarju lill-Parlamenti nazzjonali kollha).	▪ it-tkeċċija ta' ċittadini tal-UE minħabba li mhumiex konformi mal-liġi Ewropea u l-aktar mad-Direttiva 38/2004 (din il-kwistjoni hija wkoll is-suġġett ta' rapport speċifiku ta' inizjattiva tal-LIBE li jirreferi għas-sitwazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE u ntbagħat kwestjonarju lill-Parlamenti nazzjonali kollha).

Or. it

Emenda 4
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Iż-żjara

Test tar-rapport	*Emenda*
Iż-żjara seħħet mit-18 sad-19 ta' Settembru 2008 u f'dak il-kuntest id-Delegazzjoni tal-PE kellha l-opportunità li tiltaqa' ma' membri miż-żewġ Kmamar Taljani, mal-Ministru għall-Affarijiet Interni Taljan, mas-Sindku ta' Ruma, mas-Superviżur Taljan għall-Protezzjoni tad-Dejta u ma' għadd ta' NGOs. Meta wieħed iqis ir-Riżoluzzjoni tal-PE tal-10 ta' Jannar 2008, id-delegazzjoni LIBE iffokat l-aktar fuq il-kwistjonijiet li	Iż-żjara seħħet mit-18 *sal-20* ta' Settembru 2008 u f'dak il-kuntest id-Delegazzjoni tal-PE kellha l-opportunità li tiltaqa' ma' membri miż-żewġ Kmamar Taljani, mal-Ministru għall-Affarijiet Interni Taljan, mas-Sindku ta' Ruma, mas-Superviżur Taljan għall-Protezzjoni tad-Dejta u ma' għadd ta' NGOs. Meta wieħed iqis ir-Riżoluzzjoni tal-PE tal-10 ta' *Lulju* 2008, id-*Delegazzjoni* LIBE *ffokat* l-aktar fuq il-kwistjonijiet li

ġejjin (u li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitat LIBE): - Ir-riskju tad-deskriminazzjoni diretta jew indiretta (art. 13 TEC) li tista' tiġi minn ċensiment magħmul għar-raġunijiet ta' sigurtà pubblika ta' kategoriji ta' nies bħal ***nomadi ta' oriġini ROMA;***	ġejjin (u li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitat LIBE): - Ir-riskju *ta' diskriminazzjoni* diretta jew indiretta (*Art*. 13 TEC) li tista' tiġi minn ċensiment magħmul *għal* raġunijiet ta' sigurtà pubblika ta' kategoriji ta' nies bħal ***nies li qegħdin jgħixu f'sistemazzjonijiet improvizzati, li jkunu ta' nazzjonalitajiet differenti;***

Or. en

Emenda 5
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Attendew ukoll għal-laqgħa l-parlamentari li ġejjin: Sandro GOZI (Deputat - PD) Maurizio TURCO (Deputat Radikali - PD), Rita BERNARDINI (Deputat Radikali - PD), SANTINI (Senatur PDL), MARINARO (Senatriċi PD).	Attendew ukoll għal-laqgħa l-parlamentari li ġejjin: Sandro GOZI (Deputat - PD) Maurizio TURCO (Deputat Radikali - PD), Rita BERNARDINI (Deputat Radikali - PD), *Giacomo* SANTINI (Senatur PDL), *Francesca* MARINARO (Senatriċi PD), ***Souad SBAI (Deputat PDL).***

Or. it

Emenda 6
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
L-ewwel laqgħa tad-Delegazzjoni kienet maċ-Chairperson u l-Viċi Chairperson tal-	L-ewwel laqgħa tad-Delegazzjoni kienet maċ-Chairperson u *mal*-Viċi Chairperson

kumitati tal-Parlament Nazzjonali dwar Kwistjonijiet Kostituzzjonali u Kwistjonijiet Ewropew flimkien ma' Rappreżentanti tal-Parlament Taljan [2])
- Rossana BOLDI, Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ewropej, Senat (LEGA NORD)
- Mario PESCANTE, Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ewropej, Kamra (PDL)
- Domenico BENEDETTI VALENTINI, Viċi-Chairperson tal-Kumitati dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali, Senate (PDL)
- Roberto ZACCARIA, Viċi-Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali, Kamra (PD)
Attendew ukoll għal-laqgħa l-parlamentari li ġejjin: Sandro GOZI (Deputat - PD) Maurizio TURCO (Deputat Radikali - PD), Rita BERNARDINI (Deputat Radikali - PD), SANTINI (Senatur PDL), MARINARO (Senatriċi PD)
Min-naħa Taljana l-laqgħa nfetħet b'diskors ta' merħba li saħaq fuq ir-rieda li jkun hemm djalogu mad-Delegazzjoni LIBE b'mod partikolari fir-rigward ta':
- is-sigurtà interna u d-diskriminazzjoni (BOLDI),
- l-impatt tat-tkabbir fuq pajjiżi bħar-Rumanija (PESCANTE),

kumitati tal-Parlament Nazzjonali dwar Kwistjonijiet Kostituzzjonali u Kwistjonijiet Ewropew flimkien ma' Rappreżentanti tal-Parlament Taljan [2])
- Rossana BOLDI, Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ewropej, Senat (LEGA NORD)
- Mario PESCANTE, Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ewropej, Kamra (PDL)
- Domenico BENEDETTI VALENTINI, Viċi-Chairperson tal-Kumitati dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali, *Senat* (PDL)
- Roberto ZACCARIA, Viċi-Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali, Kamra (PD)
Attendew ukoll għal-laqgħa l-parlamentari li ġejjin: Sandro GOZI (Deputat - PD) Maurizio TURCO (Deputat Radikali - PD), Rita BERNARDINI (Deputat Radikali - PD), *Giacomo* SANTINI (Senatur PDL), *Francesca* MARINARO (Senatriċi PD)
Min-naħa Taljana l-laqgħa nfetħet b'diskors ta' merħba li saħaq fuq ir-rieda li jkun hemm djalogu mad-Delegazzjoni LIBE b'mod partikolari fir-rigward ta':
- is-sigurtà interna u d-diskriminazzjoni (BOLDI),
- l-impatt tat-tkabbir fuq pajjiżi *bħal*, ***skont l-opinjoni tal-kelliem***, *ir*-Rumanija (PESCANTE),

Or. en

Emenda 7
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 -paragrafu 3

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Fit-tweġiba għal dawn il-messaġġi, il-President DEPREZ enfasizza li d-	Fit-tweġiba għal dawn il-messaġġi, il-President DEPREZ enfasizza li d-

delegazzjoni LIBE kienet immirata biex issaħħaħ id-djalogu bejn il-leġislaturi nazzjonali u dawk Ewropej filwaqt li tirrispetta għal kollox l-indipendenza tagħhom. F'din il-perspettiva, huwa spjega li l-Kumitat LIBE kien l-aktar imħasseb bil-leġiżlazzjoni Taljana adottata reċentement li tipprovdi "ċirkostanza aggravanti" għal kull tip ta' reat, għas-sempliċi fatt li meta dak li jkun ikkommetta r-reat kien illegalment fit-territorju Taljan. Skond il-LIBE, ***l-Kummissjoni Ewropea u*** s-servizzi legali ***tal-Parlament Ewropew, tali dispożizzjoni tidher diskriminatorja u kontra*** l-prinċipji tal-KE ***dwar il-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE.***	delegazzjoni LIBE kienet immirata biex issaħħaħ id-djalogu bejn il-*leġiżlaturi* nazzjonali u dawk Ewropej filwaqt li tirrispetta għal kollox l-indipendenza tagħhom. F'din il-perspettiva, huwa spjega li l-Kumitat LIBE kien l-aktar imħasseb bil-leġiżlazzjoni Taljana *li kienet* adottata reċentement li tipprovdi "ċirkostanza aggravanti" għal kull tip ta' reat, għas-sempliċi fatt li meta dak li jkun ikkommetta r-reat kien illegalment fit-territorju Taljan. *Il-Kumitat* LIBE***, li qabel kien qabbad*** *lis*-servizz legali ***tal-Parlament Ewropew biex jagħtih parir dwar iċ-"ċirkostanza aggravanti", qabel mas-servizz legali li ċ-"ċirkostanza aggravanti" tmur kontra*** l-prinċipji tal-KE ***biss jekk tiġi applikata fil-konfront ta' ċittadini Komunitarji.***

Or. it

Emenda 8
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 -paragrafu 4 - inċiż 3

Test tar-rapport	*Emenda*
Is-Sinjorina Els DE GROEN-KOUWENHOVEN enfasizzat l-istagħġib tagħha dwar il-messaġġi kontradittorji li nqalgħu dwar il-"Pakkett ta' Sigurtà" Taljan. Filwaqt li skont il-Gvern Taljan il-"Pakkett ta' Sigurtà b'mod partikolari l-"Ordnijiet ta' Emerġenza" kienu maħsuba essenzjalment għall-integrazzjoni sħiħa tar-Roma, wasal messaġġ differenti mir-rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, u minn sorsi oħra li skont dawn il-miżuri meħuda kienu prinċipalment ta' natura ripressiva ***u jallegaw ukoll trattament ħażin ħafna tat-Tfal tar-Roma mill- "Carabinieri"[1];***	Is-Sinjorina Els DE GROEN-KOUWENHOVEN enfasizzat l-istagħġib tagħha dwar il-messaġġi kontradittorji li nqalgħu dwar il-"Pakkett ta' Sigurtà" Taljan. Filwaqt li skont il-Gvern Taljan il-"Pakkett ta' Sigurtà*,* b'mod partikolari l-"Ordnijiet ta' Emerġenza" *ta' dan l-aħħar,* kienu maħsuba essenzjalment għall-integrazzjoni sħiħa tar-Roma, wasal messaġġ differenti mir-rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, u minn sorsi oħra, *jiġifieri* li dawn il-miżuri meħuda kienu prinċipalment ta' natura *repressiva*. ***Hija talbet lill-Awtoritajiet Taljani biex jiċċaraw l-implimentazzjoni u/jew l-***

interpretazzjoni inkonsistenti tal-Ordnijiet ta' Emerġenza. Biex tiċċara aktar dak li kienet qiegħda tgħid, filwaqt li ffokat fuq dawn il-kwistjonijiet leġiżlattivi, hija semmiet il-miri għall-integrazzjoni kif ukoll – bħala eżempju ta' dak li m'għandux ikun – il-każ Bussolengo tal-5 ta' Settembru 2008 fejn il-Carabinieri[1] ttrattaw ħażin ħafna xi minuri tar-Roma (minbarra provi oħrajn, jeżistu attestazzjonijiet mediċi tal-isptar).

Or. en

Emenda 9
Stefano Zappalà, Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 5

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Hija u titkellem, ***is-***Sra. De Groen-Kouwenhoven ***ġiet interrotta minn protesti ta'*** diversi Membri Taljani tal-Parlament nazzjonali u tal-Parlament Ewropew u l-President Deprez stedinha biex tiffoka fuq kwistjonijiet leġislattivi. Hija mbagħad reġgħet tenniet it-tħassib tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-diskriminazzjoni possibbli bejn iċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' tkeċċija mill-kampijiet tan-nomadi.	Hija u titkellem ***is-***Sra. De Groen-Kouwenhoven***,*** diversi Membri Taljani tal-Parlament nazzjonali u tal-Parlament Ewropew ***ipprotestaw minħabba d-dikjarazzjonijiet offensivi fil-konfront tal-Italja li għamlet il-Membru Parlamentari Olandiża*** u l-President Deprez stedinha biex tiffoka fuq kwistjonijiet *leġiżlattivi*. Hija mbagħad reġgħet tenniet it-tħassib tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea dwar *diskriminazzjoni* possibbli bejn iċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' tkeċċija mill-kampijiet tan-nomadi.

Or. it

[1] L-istħarriġ ġudizzjarju fuq din il-kwistjoni għadu pendenti

Emenda 10
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 5

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Hija u titkellem, is-Sra. De Groen-Kouwenhoven ġiet interrotta minn protesti ta' diversi Membri Taljani tal-Parlament nazzjonali u tal-Parlament Ewropew u l-President Deprez stedinha biex tiffoka fuq kwistjonijiet leġislattivi. Hija mbagħad reġgħet tenniet it-tħassib tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-diskriminazzjoni possibbli bejn iċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' tkeċċija mill-***kampijiet tan-nomadi.***	Hija u titkellem, is-Sra. De Groen-Kouwenhoven ġiet interrotta minn protesti ta' diversi Membri Taljani tal-Parlament nazzjonali u tal-Parlament Ewropew u l-President Deprez stedinha biex tiffoka fuq kwistjonijiet *leġiżlattivi*. Hija mbagħad reġgħet tenniet it-tħassib tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-diskriminazzjoni possibbli bejn iċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' tkeċċija *mis-**sistemazzjonijiet improvizzati.***

Or. en

Emenda 11
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 5

Test tar-rapport	*Emenda*
Hija u titkellem, is-Sra. De Groen-Kouwenhoven ġiet interrotta minn protesti ta' diversi Membri Taljani tal-Parlament nazzjonali u tal-Parlament Ewropew ***u*** l-President Deprez stedinha biex tiffoka fuq kwistjonijiet leġislattivi. Hija mbagħad reġgħet tenniet it-tħassib tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-diskriminazzjoni possibbli bejn iċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' tkeċċija mill-kampijiet tan-***nomadi***.	Hija u titkellem, is-Sra. De Groen-Kouwenhoven ġiet interrotta minn protesti ta' diversi Membri Taljani tal-Parlament nazzjonali u tal-Parlament Ewropew, ***li ħadulha t-tikketta tal-isem u ma ħallewhiex titkellem***. *Il-*President Deprez stedinha biex tiffoka fuq kwistjonijiet leġislattivi. Hija mbagħad reġgħet tenniet it-tħassib tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-diskriminazzjoni possibbli bejn iċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' tkeċċija *mill-kampijiet tar-**Roma***.

Or. en

Emenda 12
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 6

Test tar-rapport	*Emenda*
Il-President BOLDI maqdar l-istqarrijiet tas-Sra. DE GROEN bħala għal kollox infondati u l-President PESCANTE rreaġixxa billi reġa' rrefera dawn l-akkużi bħala eżempju ħażin tal-mentalità ta' pajjiz is-Sra. Mrs De Groen-Kouwenhoven.	Il-President BOLDI maqdar l-istqarrijiet tas-Sra. DE GROEN bħala *għalkollox* infondati u l-President PESCANTE rreaġixxa billi reġa' rrefera dawn l-akkużi bħala eżempju ħażin tal-mentalità ta' pajjiz is-Sra. Mrs De Groen-Kouwenhoven. ***Il-President PESCANTE anke qabbel lis-Sra. DE GROEN ma' attivista ambjentali li marret l-Italja biex twaqqaf lit-Taljani milli jsawtu lill-foki, jiġifieri r-Roma. Id-dikjarazzjonijiet tal-President huma insult għall-mentalità tal-pajjiż tal-Membru Parlamentari Olandiża, lil waħda mis-7 membri ewlenin tad-Delegazzjoni LIBE u lill-komunità tar-Roma, fejn ma jeżistux la nomadi u lanqas foki. Madankollu, il-President tad-Delegazzjoni LIBE ma ndaħalx.***

Or. en

Emenda 13
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 7

Test tar-rapport	*Emenda*
Il-Viċi President ZACCARIA intervjena minnufih wara li talab l-attenzjoni ta' dawk preżenti għall-fatt li Mrs DE GROEN ma kienet qiegħda takkuża lil ħadd iżda kienet qiegħda tirreferi biss għal sorsi esterni. Hu mbagħad stieden l-udjenza biex tiffoka	Il-Viċi President ZACCARIA intervjena minnufih wara li talab l-attenzjoni ta' dawk preżenti għall-fatt li *s-Sra.* DE GROEN ma kienet qiegħda takkuża lil ħadd iżda kienet qiegħda tirreferi biss għal sorsi esterni. Hu mbagħad stieden *lill*-udjenza biex

fuq in-natura speċifika fil-qafas legali Taljan tal-miżuri għall-protezzjoni ċivili tal-“Ordnijiet ta’ Emerġenza” ta’ Mejju 2008 li jinħtieġu l-marki tas-swaba’ tan-nomadi u li kienu stabbiliti. Dawn l-ispeċi ta’ miżuri eċċezzjonali anke jekk ta’ natura amministrattiva jistgħu jissospendu temporanjament l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ordinarja. Skond il-Viċi President ZACCARIA, tal-inqas fl-ewwel fażi tal-eżistenza tagħhom dawn l-“Ordnijiet” kienu implimentati b’mod inkosistenti u qam tħassib serju barra u ġewwa l-Pajjiż.

Huwa biss fit-tieni fażi li s-sitwazzjoni legali ġiet iċċarata bl-adozzjoni mill-Ministru tal- Intern tal-"Linjigwida” interpretattivi approvati qabel mill-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-dejta ("Garante").

tiffoka fuq in-natura speċifika fil-qafas legali Taljan tal-miżuri għall-protezzjoni ċivili tal-“Ordnijiet ta’ Emerġenza” ta’ Mejju 2008 li *jeħtieġu* l-marki tas-swaba’ tan-nomadi u li kienu *fondati*. Dawn l-ispeċi ta’ miżuri eċċezzjonali, anke jekk ta’ natura amministrattiva, jistgħu jissospendu temporanjament l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ordinarja. *Skont* il-Viċi President ZACCARIA, ***li wara talab skuża lis-Sra. DE GROEN minħabba l-laqgħa frattarjuża,*** tal-inqas fl-ewwel fażi tal-eżistenza tagħhom, dawn l-“Ordnijiet” kienu implimentati b’mod *inkonsistenti* u qam tħassib serju barra u ġewwa l-Pajjiż.

Huwa biss fit-tieni fażi li s-sitwazzjoni legali ġiet iċċarata bl-adozzjoni mill-Ministru *tal-Intern* tal-“*Linji gwida*” interpretattivi *li qabel kienu approvati* mill-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-*Dejta* ("Garante").

Fil-fatt il-Viċi President ikkonferma l-implimentazzjoni inkonsistenti tal-Ordnijiet. Wara din id-dikjarazzjoni kien ferm ikkritikat mill-Membri tal-Parlament Taljan talli ddefenda lis-Sra. DE GROEN.

Or. en

Emenda 14
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta’ rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta’ Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 7

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Hu mbagħad stieden l-udjenza biex tiffoka fuq in-natura speċifika fil-qafas legali Taljan tal-miżuri għall-protezzjoni ċivili tal-“Ordnijiet ta’ Emerġenza” ta’ Mejju 2008 li jinħtieġu ***l-marki tas-swaba’ tan-nomadi u li kienu stabbiliti. Dawn l-ispeċi ta’ miżuri eċċezzjonali anke jekk ta’***	Hu mbagħad stieden *lill*-udjenza biex tiffoka fuq in-natura speċifika fil-qafas legali Taljan tal-miżuri għall-protezzjoni ċivili tal-“Ordnijiet ta’ Emerġenza” ta’ Mejju 2008 li *jeħtieġu* ***dejta għall-identifikazzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet urġenti madankollu għandhom jiġu***

natura amministrattiva jistgħu jissospendu temporanjament l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ordinarja. Skond il-Viċi President ZACCARIA, tal-inqas fl-ewwel fażi tal-eżistenza tagħhom dawn l-"Ordnijiet" kienu implimentati b'mod inkosistenti u qam tħassib serju barra u ġewwa l-Pajjiż.	***applikati waqt li jiġu rispettati l-prinċipji ġenerali tas-sistema legali u tad-direttivi Komunitarji[1].*** *Skont* il-Viċi President ZACCARIA, tal-inqas fl-ewwel fażi tal-eżistenza tagħhom, dawn l-"Ordnijiet" kienu implimentati b'mod *inkonsistenti* u qam tħassib serju barra u ġewwa l-Pajjiż.

[1] Artikolu 3 tal-Ordni tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri (Ordni Nru. 3676 ta' Mejju 2008)

Or. it

Emenda 15
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 7

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Hu mbagħad stieden l-udjenza biex tiffoka fuq in-natura speċifika fil-qafas legali Taljan tal-miżuri għall-protezzjoni ċivili tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza" ta' Mejju 2008 li jinħtieġu l-marki tas-swaba' tan-***nomadi*** u li kienu stabbiliti. Dawn l-ispeċi ta' miżuri eċċezzjonali anke jekk ta' natura amministrattiva jistgħu jissospendu temporanjament l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ordinarja. Skond il-Viċi President ZACCARIA, tal-inqas fl-ewwel fażi tal-eżistenza tagħhom dawn l-"Ordnijiet" kienu implimentati b'mod inkosistenti u qam tħassib serju barra u ġewwa l-Pajjiż.	Hu mbagħad stieden *lill*-udjenza biex tiffoka fuq in-natura speċifika fil-qafas legali Taljan tal-miżuri għall-protezzjoni ċivili tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza" ta' Mejju 2008 li *jeħtieġu* l-marki tas-swaba' *tal-**komunitajiet ta' persuni li jgħixu f'sistemazzjonijiet improvizzati,*** u li kienu *fondati*. Dawn l-ispeċi ta' miżuri eċċezzjonali, anke jekk ta' natura amministrattiva, jistgħu jissospendu temporanjament l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ordinarja. *Skont* il-Viċi President ZACCARIA, tal-inqas fl-ewwel fażi tal-eżistenza tagħhom, dawn l-"Ordnijiet" kienu implimentati b'mod *inkonsistenti* u qam tħassib serju barra u ġewwa l-Pajjiż.

Or. en

Emenda 16
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 8

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Is-Senatur SANTINI intervjena mbagħad billi fakkar li fil-leġislatura preċedenti tal-Parlament Ewropew huwa kien ir-Rapporteur għad-Direttiva dwar il-libertà tal-moviment taċ-ċittadini Ewropej. ***Sfortunatament f'dak iż-żmien ma kien hemm ebda idea tal-moviment possibbli ta' mijiet ta' eluf ta' ċittadini Ewropej hekk kif ġara wara t-tkabbir tal-UE bl-Istati Membri ġodda.*** Għalhekk id-Direttiva 2004/38 m'għandhiex biss tikkunsidra is-sitwazzjoni Roma imma wkoll dik ta' ħafna minoritajiet oħra.	Is-Senatur SANTINI intervjena mbagħad billi fakkar li fil-*leġiżlatura* preċedenti tal-Parlament Ewropew huwa kien ir-Rapporteur għad-Direttiva dwar il-libertà tal-moviment taċ-ċittadini Ewropej. ***Il-kelliem iddikjara li, fl-opinjoni tiegħu, "sfortunatament" dak iż-żmien "ma kien hemm l-ebda idea tal-moviment possibbli ta' mijiet ta' eluf" ta' ċittadini Ewropej hekk kif ġara wara t-tkabbir tal-UE bl-Istati Membri l-ġodda tal-UE.*** Għalhekk***, skont l-opinjoni tal-kelliem***, id-Direttiva 2004/38 m'għandhiex biss tikkunsidra *s*-sitwazzjoni *tar*-Roma imma wkoll dik ta' ħafna *minoranzi* oħra.

Or. en

Emenda 17
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 9

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Il-Viċi President VALENTINI, wieġeb lis-Sra. JAROCKA, u fakkar li kull tkeċċija ***għandha tiġi*** deċiża minn imħallef u mhux minn awtorità amministrattiva. Fit-tweġiba lis-Sra. MOHÁCSI, huwa fakkar li l-miżuri Taljani ma kinux mmirati għal xi minoranza speċifika u f'kull każ l-	Il-Viċi President VALENTINI, wieġeb lis-Sra. JAROCKA, u fakkar li kull tkeċċija ***dejjem tiġi*** deċiża minn imħallef u mhux minn awtorità amministrattiva. Fit-tweġiba lis-Sra. MOHÁCSI, huwa fakkar li l-miżuri Taljani ma kinux mmirati *lejn* xi minoranza speċifika u*,* f'kull każ*,* l-

integrazzjoni hija proċess f'żewġ direzzjonijiet li jitlob minn kulħadd rieda sinċiera biex tiġi intergrata fis-soċjetà Taljana.	integrazzjoni hija proċess f'żewġ direzzjonijiet li jitlob minn kulħadd rieda sinċiera *għal integrazzjoni* fis-soċjetà Taljana.

Or. it

Emenda 18
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 11

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali
Is-Sra. MOHÁCSI staqsiet diversi mistoqsijiet: - fuq liema bażi ġie deċiż li jiffokaw fuq mira soċjali partikolari (in-***nomadi***), - għaliex l-Italja ma qisitx lir-Roma bħala minoranza nazzjonali, - jekk il-"pakket ta' sigurtà" jew parti minnu ntbagħatx lill-Qorti Kostituzzjonali, - jekk hijiex l-opinjoni tal-parlamentari nazzjonali li l-"Pakkett ta' Sigurtà" jittrattax b'mod korrett maċ-ċittadini Ewropej, ma' nies minn pajjiżi terzi u ma' nies ta' mingħajr ċittadinanza.	Is-Sra. MOHÁCSI staqsiet diversi mistoqsijiet: - fuq liema bażi ġie deċiż li jiffokaw fuq mira soċjali partikolari (*il-****komunitajiet ta' persuni li qegħdin jgħixu f'sistemazzjonijiet improvizzati***), - għaliex l-Italja ma qisitx lir-Roma bħala minoranza nazzjonali, - jekk il-"pakket ta' sigurtà" *kollu* jew parti minnu *ġiex riferit* lill-Qorti Kostituzzjonali, - jekk hijiex l-opinjoni tal-parlamentari nazzjonali li l-"Pakkett ta' Sigurtà" jittrattax b'mod korrett *liċ*-ċittadini Ewropej, *lil* nies minn pajjiżi terzi u *lil* nies ta' mingħajr *Stat*.

Or. en

Emenda 19
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 1 - paragrafu 14

Test tar-rapport	*Emenda*
1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-	1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-

Parlament Nazzjonali	Parlament Nazzjonali
Is-Sra. ANGELILLI dehrilha dan it-tip ta' laqgħat huma siewja u faħħret l-inizjattiva tal-Gvern li jissottometti l-abbozz tal-leġiżlazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea. Rigward l-aspetti organizzattivi ***ta' dan it-tip ta' laqgħat, hija kkunsidrat interessanti l-fatt li jkunu tradotti d-dokumenti*** (bħal Ordnijiet ta' Emerġenza tal-Gvern u l-Opinjoni tal-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar).	Is-Sra. ANGELILLI dehrilha dan it-tip ta' laqgħat huma siewja u faħħret l-inizjattiva tal-Gvern li jissottometti l-abbozz tal-leġiżlazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea. Rigward l-aspetti organizzattivi ***tal-laqgħa, hi xliet li n-nuqqas ta' traduzzjonijiet tat-testi ġuridiċi kien qiegħed jikkompromett serjament il-laqgħa mal-Membri u mas-Senaturi tal-Parlament Taljan,*** (*bħall-* Ordnijiet ta' Emerġenza tal-Gvern u l-Opinjoni tal-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar).
	Or. it

Emenda 20
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs	2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs
Wara li ta merħba lill-isituzzjonijiet kollha u lill-NGOs iċ-Chaiperson DEPREZ ressaq serje ta' mistoqsijiet bħal: 1) ir-rwoli li hemm fir-rigward taċ-ċensiment ta' kampijiet ***nomadi***; 2) kif id-dejta nġabret permezz taċ-ċensiment, 3) kif jiġġudikaw is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Italja u kif se jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili.	Wara li ta merħba lill-*istituzzjonijiet* u lill-NGOs *kollha,* iċ-*Chairperson* DEPREZ *qajjem* serje ta' mistoqsijiet bħal: 1) ir-rwoli *eżatti* li hemm fir-rigward taċ-ċensiment *tal-****persuni li qegħdin jgħixu f'sistemazzjonijiet improvizzati***; 2) kif *inġabret* id-dejta permezz taċ-ċensiment, 3) kif jiġġudikaw is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Italja u kif se jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u *tal*-libertajiet ċivili.
	Or. en

Emenda 21
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 2

Test tar-rapport	*Emenda*
2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs	2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs
Wara li ta merħba lill-isituzzjonijiet kollha u lill-NGOs iċ-Chaiperson DEPREZ ressaq serje ta' mistoqsijiet bħal: 1) ir-rwoli li hemm fir-rigward taċ-ċensiment ta' kampijiet ***nomadi***; 2) kif id-dejta nġabret permezz taċ-ċensiment, 3) kif jiġġudikaw is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Italja u kif se jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili.	Wara li ta merħba lill-*istituzzjonijiet* u lill-NGOs *kollha,* iċ-*Chairperson* DEPREZ *qajjem* serje ta' mistoqsijiet bħal: 1) ir-rwoli *eżatti* li hemm fir-rigward taċ-ċensiment *tal-****persuni li qegħdin jgħixu f'sistemazzjonijiet improvizzati***; 2) kif *inġabret* id-dejta permezz taċ-ċensiment, 3) kif jiġġudikaw is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Italja u kif se jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u *tal*-libertajiet ċivili.

Or. en

Emenda 22
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 2

Test tar-rapport	*Emenda*
2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs	2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs
Ir-rappreżentant tal-UNCHR, Paolo ARTINI, iddikjara li 20% tal-160.000 Roma fl-Italja ġew mill-Balkani, u ma jistgħux jitkeċċew ladarba dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala nies li jfittxu l-kenn. Huwa kkundanna klima ta' razziżmu u ksenofobija li qiegħda tiżdied f'diversi setturi tas-soċjetà Taljana u b'mod iktar ġenerali l-indifferenza dejjem tikber tal-opinjoni pubblika dwar is-sitwazzjoni ta' persuni minn pajjiżi terzi. Sfortunatament l-awtoritajiet Taljani ma jimplimentawx politika reali ta' integrazzjoni u aktar minn hekk ma jikkundannawx bil-qawwa atti razzisti, u f'xi okkażjonijiet l-episodji ta' trattament ħażin u vjolenza minn aġenti tal-infurzar	Ir-rappreżentant tal-UNCHR, Paolo ARTINI, iddikjara li 20% tal-160.000 Roma fl-Italja ġew mill-Balkani, u ma jistgħux jitkeċċew ladarba dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala nies li *qegħdin ifittxuażil*. Huwa kkundanna *l*-klima ta' razziżmu u ksenofobija li qiegħda tiżdied f'diversi setturi tas-soċjetà Taljana u b'mod iktar ġenerali l-indifferenza dejjem tikber tal-opinjoni pubblika dwar is-sitwazzjoni ta' persuni minn pajjiżi terzi. Sfortunatament l-awtoritajiet Taljani *mhumiex jimplimentaw* politika reali ta' integrazzjoni u, aktar minn hekk*, mhumiex jikkundannaw* bil-qawwa *l*-atti razzisti, u f'xi okkażjonijiet l-episodji ta' trattament ħażin u *ta'* vjolenza *mill*-aġenti tal-infurzar

tal-liġi, kif suppost jagħmlu. Huwa fakkar "Il-Karta tar-Roma" tal-U N C H R u ddikkjara li r-responsabilà ewlenija tas-sitwazzjoni attwali għandha tirreferi għan-nuqqas ta' rieda tal-politiki u l-politiċi.	tal-liġi, kif suppost jagħmlu. Huwa fakkar "Il-Karta tar-Roma" tal-U N C H R u *ddikjara* li r-responsabilà ewlenija tas-sitwazzjoni attwali għandha *titqies bħala kkawżata min*-nuqqas ta' rieda tal-*politika* u *tal*-politiċi. ***Fl-eżempji ta' vjolenza li ta s-Sur ARTINI, kien hemm anke l-każ Bussolengo tal-5 ta' Settembru 2005. L-UNHCR taf b'din il-ġrajja, li l-għada ġiet miċħuda mill-Ministru Maroni.***
	Or. en

Emenda 23
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 4

Test tar-rapport	*Emenda*
2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs	2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs
Sa fejn għandu x'jaqsam iċ-ċensiment, l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar aġixxiet fi 36 sistemazzjoni, il-biċċa l-kbira ta' natura mhux awtorizzata, billi ffokat l-aktar fuq persuni vulnerabbli. Dejta fuq is-sitwazzjoni attwali se tinġabar direttament mill-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar sa nofs Ottubru.	Sa fejn għandu x'jaqsam iċ-ċensiment, l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar aġixxiet *f'*36 sistemazzjoni, il-biċċa l-kbira ta' natura mhux awtorizzata, billi ffokat l-aktar fuq *il*-persuni vulnerabbli. *Id-dejta* fuq is-sitwazzjoni attwali se tinġabar direttament mill-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar sa nofs Ottubru.
Skont l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar, ***ma kienx meħtieġ li*** jinġabru l-marki tas-swaba' u d-dejta personali kollha inżammet minn uffiċjal għall-protezzjoni tad-dejta tal-OSAT u hija aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti (pereżempju minn imħallfin għal stħarriġ kriminali).	Skont l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar, ***fil-parti l-kbira tal-każi ma kienx hemm għalfejn*** jinġabru l-marki tas-swaba' u d-dejta personali kollha *nżammet* minn uffiċjal għall-protezzjoni tad-dejta tal-*Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar* u hija aċċessibbli biss *f'*kundizzjonijiet stretti (pereżempju minn imħallfin għal stħarriġ kriminali).
	Or. it

Emenda 24
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
18 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 6

Test tar-rapport	*Emenda*
2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs	2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs
Ir-rappreżentant tal-OPERA NOMADI, is-Sra. ***LUONGO***, tat xi figuri ġenerali dwar in-natura tal-minoranza Roma billi fakkret li l-preżenza tagħha fl-Italja tmur lura għas-seklu XIV, 60/70% ta' dawn in-nies kienu taħt it-18-il sena u l-għomor tal-ħajja kien b'medja ta' 20 sena inqas għal nies akbar fl-età. In-nies li jmorru l-iskola kienu minoranza u ħafna drabi f'każ ta' tfal abbandunati jew abbużati kienu jifirduhom minn mal-ġenituri tagħhom u jitfgħuhom fi stituti.	Ir-rappreżentant tal-OPERA NOMADI, is-Sra. ***LONGO***, tat xi figuri ġenerali dwar in-natura tal-minoranza *tar*-Roma billi fakkret li l-preżenza *ta' din il-minoranza* fl-Italja tmur lura għas-seklu *14*, 60/70% ta' dawn in-nies kienu taħt it-18-il sena u l-għomor tal-ħajja kien *medjament* ta' 20 sena inqas *meta mqabbla mal-bqija tal-popolazzjoni*. In-nies li jmorru l-iskola kienu minoranza u ħafna drabi f'każ ta' tfal abbandunati jew abbużati kienu jifirduhom minn mal-ġenituri tagħhom u jitfgħuhom *f'istituti*.

Or. it

Emenda 25
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 1 - paragrafu 1 - nota ta' qiegħ il-paġna 2

Test tar-rapport	*Emenda*
2. Laqgħa mal-"Garante"– l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Dejta.	2. Laqgħa mal-"Garante"– l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Dejta.
[2] - il-Membri tal-Parlament Ewropew in ġenerali għamlu mistoqsijiet dwar: il-proporzjonalità u l-ħtieġa tal-ordnijiet u tad-dikjarazzjoni tal-istat ta' emerġenza , dak li ġara fil-perjodu bejn l-ordnijiet u l-ħruġ tal-linjigwida; id-differenza bejn id-dejta mogħtija mill-OSAT u dawk mogħtija mill-awtoritajiet (Catania); kif id-dejta hija trattata mis-CRI u jekk l- APD hix se tagħmel inkjesta biex tiċċekkja jekk	[2] - *Il*-Membri tal-Parlament Ewropew in ġenerali għamlu mistoqsijiet dwar: il-proporzjonalità u l-ħtieġa tal-ordnijiet u tad-dikjarazzjoni tal-istat ta' *emerġenza,* dak li ġara fil-perjodu bejn l-ordnijiet u l-ħruġ tal-*linji gwida*; id-differenza bejn id-dejta mogħtija mill-*Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar* u *dik* mogħtija mill-awtoritajiet (Catania); kif id-dejta *ġiet ittrattata mill-Organizzazzjoni tas-Salib l-*

id-dejta hijiex trattata skond il-linjigwida (Fava); jekk il-ġbir tad-dejta marbut mal-minuri huwiex skont il-liġi ordinarja tal-TI jewfid-derogazzjoni tagħha (Renate Weber); aktar informazzjoni fuq id-dejta miġbura waqt iċ-ċensiment (Mohacsi); it-teħid tal-marki tas-swaba' tal-minuri, ir-raġunijiet soċjali wara ċ-ċensiment, l-intervjenti tal-APD (Agnoletto); etc (meta jingħataw it-tweġibiet, dawn jiddaħħlu hawn fuq fid-dikjarazzjonijiet tal-APD)

Aħmar u jekk *l-APD* hix se tagħmel inkjesta biex tiċċekkja jekk id-dejta *ġietx ittrattata skont* il-*linji gwida* (Fava); jekk il-ġbir tad-dejta marbut mal-minuri *kienx* skont il-liġi ordinarja *dwar it*-TI *jew b'deroga* tagħha (Renate Weber); aktar informazzjoni fuq id-dejta miġbura waqt iċ-ċensiment (Mohacsi); it-teħid tal-marki tas-swaba' tal-minuri, ir-raġunijiet soċjali *għaġ*-ċensiment, l-*interventi* tal-APD (Agnoletto); ***jekk waslux rakkomandazzjonijiet jew denunzji għand l-APD rigward teħid eventwali kontra l-liġi ta' dejta għall-identifikazzjoni, u b'mod partikolari tal-marki tas-swaba', jew ksur tal-liġi fl-użu tad-dejta (Angelilli)*** *eċċ.;* (meta jingħataw it-tweġibiet, dawn jiddaħħlu hawn fuq fid-dikjarazzjonijiet tal-APD)

Or. it

Emenda 26
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 settembre 2008 - punt 1 - paragrafu 3

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mal-"Garante"– l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Dejta.	Laqgħa mal-"Garante"– l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Dejta.
Kuntatti bejn il-Ministeru u l-APD komplew u meta l-linjigwida fl-aħħar intbagħtu lill-APD, il-Ministeru talabhom biex jippubblikahom. L-APD talbet ukoll li dejta miġbura ***b'mod illegali*** għandha tinqered, u li ebda bażi ta' dejta ma tinħoloq u li għandhom isiru kontrolli xierqa.	*Il-kuntatti* bejn il-Ministeru u l-APD komplew u meta l-*linji gwida finali* fl-aħħar intbagħtu lill-APD, il-Ministeru *talabhom jippubblikawhom*. L-APD talbet ukoll li dejta ***eventwali*** miġbura ***kontra l-liġi*** għandha tinqered, *li ma tinħoloq l*-ebda bażi ta' dejta u li *jsiru* kontrolli xierqa.

Or. it

Emenda 27
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 1 - paragrafu 3

Test tar-rapport	*Emenda*
Kuntatti bejn il-Ministeru u l-APD komplew u meta l-linjigwida fl-aħħar intbagħtu lill-APD, il-Ministeru talabhom biex jippubblikahom. L-APD talbet ukoll li dejta miġbura b'mod illegali għandha tinqered, u li ebda bażi ta' dejta ma tinħoloq u li għandhom isiru kontrolli xierqa. Fit-tweġib tiegħu għall-mistoqsijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew, il-Professur Pizzetti spjega li: - l-APD se tgħaddi għal kontrolli fuq il-post fuq talba minn suġġetti ta' dejta, sabiex tara jekk il-linjigwida humiex applikati b'mod korrett; - s'issa ebda lment ma wasal għand l-APD minn persuna li tallega li sar abbuż mid-dejta tagħha; - il-ġbir tal-marki tas-swaba' u d-dejta marbuta mal-etniċità u r-reliġjon saret biss f'Napli, meta beda ċ-ċensiment; l-APD intervjeniet biex twaqqaf dan il-ġbir. F'Ruma, l-uffiċjal stenna l-intervjent tal-APD qabel jibda ċ-ċensiment, u f'Milan 4 persuni biss itteħdulhom il-marki tas-swaba' fil-qafas tal-investigazzjonijiet kriminali.	*Il-kuntatti* bejn il-Ministeru u l-APD komplew u meta l-*linji gwida* fl-aħħar intbagħtu lill-APD, il-Ministeru talabhom biex jippubblikahom. L-APD talbet ukoll li dejta miġbura b'mod illegali għandha tinqered, u li ebda bażi ta' dejta ma tinħoloq u li għandhom isiru kontrolli xierqa***. Il-Professur Pizetti, madankollu, qal li huwa ma setax jimmonitorja jekk il-bażi tad-dejta miġbura illegalment kinitx inqerdet tassew. Għalhekk, din tibqa' kwistjoni miftuħa***. Fit-*tweġibiet* tiegħu għall-mistoqsijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew, il-Professur Pizzetti spjega li: - l-APD se tgħaddi għal kontrolli fuq il-post *biss* fuq talba *tas*-suġġetti *tad*-dejta, sabiex tara jekk il-*linji gwida ġewx* applikati b'mod korrett; - s'issa *ma wasal l*-ebda lment għand l-APD minn persuna li tallega li sar abbuż mid-dejta tagħha;[1] - il-ġbir tal-marki tas-swaba' u *tad*-dejta marbuta mal-etniċità u *mar*-reliġjon *sar* biss f'Napli, meta beda ċ-ċensiment; l-APD intervjeniet biex twaqqaf dan il-ġbir. F'Ruma, *il-Prefett* stenna l-*intervent* tal-APD qabel jibda ċ-ċensiment, u f'Milan 4 persuni biss itteħdulhom il-marki tas-swaba' fil-qafas *ta'* investigazzjonijiet kriminali.

[1] *- Il-Membri tal-Parlament Ewropew in ġenerali għamlu mistoqsijiet dwar: il-proporzjonalità u l-ħtieġa tal-ordnijiet u tad-dikjarazzjoni tal-istat ta' emerġenza, dak li ġara fil-perjodu bejn l-ordnijiet u l-ħruġ tal-linji gwida; id-differenza bejn id-dejta mogħtija mill-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u dik mogħtija mill-awtoritajiet (Catania); kif id-dejta ġiet ittrattata mill-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u jekk l-APD hix se tagħmel inkjesta biex tiċċekkja jekk id-dejta ġietx ittrattata skont il-linji gwida (Fava); jekk il-ġbir tad-dejta marbut mal-minuri kienx skont il-liġi ordinarja dwar it-TI jew b'deroga tagħha (Renate Weber); aktar informazzjoni fuq id-dejta miġbura waqt iċ-ċensiment (Mohacsi); it-teħid tal-marki tas-swaba' tal-minuri, ir-raġunijiet soċjali għaċ-ċensiment, l-interventi tal-APD (Agnoletto) eċċ.; (meta jingħataw it-tweġibiet, dawn jiddaħħlu hawn fuq fid-dikjarazzjonijiet tal-APD)*

Or. en

Emenda 28
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mal-"Garante"– l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Dejta.	Laqgħa mal-"Garante"– l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Dejta.
Wara merħba sabiħa lid-Deligazzjoni LIBE, is-Sindku ALEMANNO enfasizza li:	Wara merħba sabiħa lid-*Delegazzjoni* LIBE, is-Sindku ALEMANNO enfasizza li: ***- l-amministrazzjoni attwali wirtet sitwazzjoni ferm kompromessa;***
- is-sitwazzjoni tal-kampijiet tan-nomadi ma baqgħetx tolleranti u kienu meħtieġa miżuri ta' emerġenza;	- is-sitwazzjoni tal-kampijiet tan-nomadi ma baqgħetx tolleranti u kienu meħtieġa miżuri ta' emerġenza;

Or. it

Emenda 29
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma	Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma
Wara merħba sabiħa lid-Deligazzjoni LIBE, is-Sindku ALEMANNO enfasizza li:	*Is*-Sindku ALEMANNO enfasizza li:
- is-sitwazzjoni tal-kampijiet tan***-nomadi*** ma baqgħetx tolleranti u kienu meħtieġa miżuri ta' emerġenza - dawn il-miżuri se jittieħdu taħt id-direzzjoni tal-Kummissarju Straordinarju u billi jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, tan-non diskriminazzjoni u tas-sigurtà tan-nies	- is-sitwazzjoni tal-kampijiet *tas-**sistemazzjonijiet improvizzati*** ma baqgħetx tolleranti u kienu meħtieġa miżuri ta' emerġenza - dawn il-miżuri se jittieħdu taħt id-direzzjoni tal-*Kummissarji Straordinarji* u billi *jkunu żgurati l*-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, tan-non

interessati
- ħafna nies li joqogħdu fil-kampijiet ***tan-nomadi*** huma ċittadini Taljani, oħrajn huma ċittadini tal-UE u oħrajn li mhumiex f'sitwazzjoni li għad trid tiġi vverifikata (ma jimpurtax l-etniċità tagħhom jew kwistjonijiet oħra);
- jeħtieġ li tiġi pprovduta għajnuna, u biex jieħdu ħsieb l-integrazzjoni ta' nomadi sabiex jiġu ppjanati interventi ta' dan it-tip,
- l-ewwel jeħtieġ li jkun hemm aktar informazzjoni dwar ***in-nomadi*** (iwieġeb il-mistoqsija tal-MEP CATANIA dwar il-fatt li l-programmi tal-iskejjel digà bdew iżda kull azzjoni li ttieħdet dwar it-tagħlim tat-tfal ***nomadi*** u dwar il-ħtieġa għal interventi urġenti fil-***kampijiet***);
- il-miżuri previsti mill-amministrazzjonijiet preċedenti tal-Belt inżammu, u qed jistennew it-tmiem taċ-ċensiment li hu maħsub li se jkun f'nofs Ottubru; u wara dan, il-Prefett, li attwalment għandu f'idejh is-setgħat fir-rigward tal-integrazzjoni tan-***nomadi*** abbażi l-ordnijiet approvati mill-gvern, se jniedi għadd ta' interventi fl-oqsma tal-integrazzjoni, abitazzjoni, edukazzjoni, taħriġ, xogħol, eċċ;
Is-Sindku ALEMANNO sostna wkoll li meta d-dejta tinġabar se tkun ir-responsabbiltà tal-Prefett li jġestiha. Sa fejn kellha x'taqsam id-Direttiva dwar il-libertà ta' moviment huwa ddikjara li skont il-liġi Taljana l-persuni se jiġu mkeċċija jekk jinstabu illegalment fuq art Taljana.

diskriminazzjoni u tas-sigurtà tan-nies interessati
- ħafna nies li joqogħdu fil-kampijiet ***tas-sistemazzjonijiet improvizzati*** huma ċittadini Taljani, oħrajn huma ċittadini tal-UE u oħrajn li mhumiex *u jinsabu* f'sitwazzjoni li għad trid tiġi vverifikata (*irrispettivament mill-*etniċità tagħhom jew *minn* kwistjonijiet oħra);
- jeħtieġ li tiġi *jingħataw* għajnuna, u *attenzjoni lill-*integrazzjoni *tan-*nomadi sabiex jiġu ppjanati interventi ta' dan it-tip,
- l-ewwel jeħtieġ li jkun hemm aktar informazzjoni dwar ***il-persuni li qegħdin jgħixu fis-sistemazzjonijiet improvizzati*** (iwieġeb il-mistoqsija tal-MEP CATANIA dwar il-fatt li l-programmi tal-iskejjel digà bdew iżda *ttieħdet* kull *azzjoni dwar* it-tagħlim tat-***tfal li qegħdin jgħixu fis-sistemazzjonijiet improvizzati*** u dwar il-ħtieġa għal interventi urġenti *f'****dawn is-sistemazzjonijiet improvizzati***);
- il-miżuri previsti mill-amministrazzjonijiet preċedenti tal-Belt inżammu, u qed jistennew it-tmiem taċ-ċensiment li hu maħsub li se jkun f'nofs Ottubru; *wara* dan, il-Prefett, li attwalment għandu f'idejh is-setgħat *kollha* fir-rigward tal-integrazzjoni tal-***persuni msemmija hawn fuq*** abbażi *tal-*ordnijiet approvati mill-gvern, se jniedi għadd ta' interventi fl-oqsma tal-integrazzjoni, *tal-*abitazzjoni, *tal-*edukazzjoni, *tat-*taħriġ, *tax-*xogħol, eċċ;
Is-Sindku ALEMANNO sostna wkoll li meta d-dejta tinġabar se tkun ir-*responsabiltà* tal-Prefett li jġestiha. Sa fejn kellha x'taqsam id-Direttiva dwar il-libertà ta' moviment huwa ddikjara li*,* skont il-liġi Taljana*, il-*persuni se jiġu mkeċċija jekk jinstabu illegalment fuq art Taljana.

Or. en

Emenda 30
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 2 - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma	Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma
Wara merħba ***sabiħa*** lid-Deligazzjoni LIBE, is-Sindku ALEMANNO enfasizza li:	Wara merħba lid-*Delegazzjoni* LIBE, is-Sindku ALEMANNO enfasizza li:

Or. en

Emenda 31
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 1 - inċiż 5

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma	Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma
- l-ewwel jeħtieġ li jkun hemm aktar informazzjoni dwar in-nomadi ***(iwieġeb il-mistoqsija tal-MEP CATANIA dwar il-fatt li l-programmi tal-iskejjel digà bdew iżda kull azzjoni li ttieħdet dwar it-tagħlim tat-tfal nomadi u dwar il-ħtieġa għal interventi urġenti fil-kampijiet);***	- l-ewwel jeħtieġ li jkun hemm aktar informazzjoni dwar in-nomadi;

Or. it

Emenda 32
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008 - punt 2 - paragrafu 2

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma	Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma
Is-Sindku ALEMANNO sostna wkoll li meta d-dejta tinġabar se tkun ir-responsabbiltà tal-Prefett li jġestiha. Sa fejn kellha x'taqsam id-Direttiva dwar il-libertà ta' moviment huwa ddikjara li ***skont*** il-liġi Taljana ***l-persuni se jiġu mkeċċija jekk jinstabu illegalment*** fuq art Taljana.	Is-Sindku ALEMANNO sostna wkoll li meta d-dejta tinġabar se tkun ir-*responsabiltà* tal-Prefett li jġestiha. Sa fejn kellha x'taqsam id-Direttiva dwar il-libertà ta' moviment huwa ddikjara li, ***f'konformità mal***-liġi Taljana ***u Komunitarja[1], għal raġunijiet ta' ordni pubblika jew ta' sigurtà pubblika, min iwettaq reati*** fuq art Taljana ***se jitkeċċa***. ***[1] Artikolu 27 tad-Direttiva 38/2004***

Or. it

Emenda 33
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 3 - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet Barranin	Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet *Ewropej*
Il-Ministru MARONI ta merħba lid-delegazzjoni tal-LIBE u għamel referenza għall-ewwel laqgħa mal-President Deprez fejn kienet tqajmet il-kwistjoni tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza". Huwa ddikjara li l-implimentazzjoni tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza" kienet diġà bdiet u b'mod partikolari, iċ-"ċensiment" tannies u tal-bżonnijiet kien miexi sew. L-ewwel rapport bl-informazzjoni relevanti kollha kien diġà ntbagħat fl-1 ta' Awwisu lill-Viċi-President Barrot. Wara dan, il-Kummissjoni kienet bagħtet risposta pożittiva. Infatti, il-Viċi-President Barrot innota li l-kontenut tar-rapport, b'mod partikolari ċ-ċertezza mogħtija mill-	Il-Ministru MARONI ta merħba lid-*Delegazzjoni LIBE* u għamel referenza għall-ewwel laqgħa mal-President Deprez fejn kienet tqajmet il-kwistjoni tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza". Huwa ddikjara li l-implimentazzjoni tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza" kienet diġà bdiet u b'mod partikolari, iċ-"ċensiment" tannies u tal-*ħtiġijiet* kien miexi sew. L-ewwel rapport bl-informazzjoni relevanti kollha kien diġà ntbagħat fl-1 ta' Awwisu lill-Viċi-President *tal-Kummissjoni, is-Sur* Barrot. Wara dan, il-Kummissjoni kienet bagħtet risposta pożittiva. Infatti, il-Viċi-President Barrot innota li l-kontenut tar-rapport,

Ministru Maroni li l-ebda dejta ma kienet qiegħda tiġi miġbura abbażi ta' oriġini etnika jew reliġjon. Il-Viċi-President Barrot talab li jibqa' jiġi infurmat dwar l-applikazzjoni abbażi tal-linji gwida li l-Ministru Maroni kien ta lill-Prefetti.	b'mod partikolari *l-assigurazzjoni* mogħtija mill-Ministru Maroni li *ma kienet qiegħda tinġabar* l-ebda dejta abbażi *tal*-oriġini etnika jew *tar*-reliġjon. Il-Viċi-President Barrot talab li jibqa' jiġi infurmat dwar l-applikazzjoni *fejn kien meħtieġ* tal-linji gwida li l-Ministru Maroni kien ta lill-Prefetti. ***Fit-23 ta' Settembru 2008, deher ċar li l-Kummissjoni Ewropea ma kinitx għadha ħadet pożizzjoni dwar ir-rapport Taljan ta' Awwissu. Peress li dwar ħafna kwistjonijiet kien hemm jew deher li kien għad hemm kunflitt ċar mal-leġiżlazzjoni tal-UE, grupp ta' MEPs, fl-24 ta' Settembru 2008, bagħtu ittra lill-Kummissjoni għall-attenzjoni tal-Viċi President, il-Kummissarju Barrot. Din l-ittra, fuq l-inizjattiva tal-Ko-Chairperson Monica FRASSONI, issa, kważi tliet xhur wara, għadha mingħajr tweġiba!***

Or. en

Emenda 34
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 3 - paragrafu 2

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet Barranin	Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet *Ewropej*
Huwa pprovda lid-delegazzjoni d-dejta attwali rigward iċ-ċensiment: iċ-ċensiment sar fuq: 1.588 persuna fil-Lombardija, li 773 minnhom huma taħt l-età; 1607 persuni fil-Campania, li 786 minnhom huma taħt l-età; 2679 persuna f'Lazio, li minnhom 1228 huma taħt l-età;	***Is-Sur Maroni*** pprovda lid-delegazzjoni d-dejta attwali rigward iċ-ċensiment: iċ-ċensiment sar fuq: 1.588 persuna fil-Lombardija, li 773 minnhom huma taħt l-età; *1608* persuni fil-Campania, li 786 minnhom huma taħt l-età; 2679 persuna *fil*-Lazio, li minnhom 1228 huma taħt l-età;

Or. en

Emenda 35
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 3 - paragrafu 3

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet Barranin	Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet *Ewropej*
Hu informa wkoll lid-delegazzjoni li 1525 tifel u tifla kienu jattendu l-iskola, li juri l-ħtieġa ta' pjan li kellu jitfassal dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-UNICEF, l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar. Skont l-iskeda attwali ċ-"ċensiment" fit-3 reġjuni se jkun tlesta sa nofs Ottubru u li f'dak il-mument biss tibda tiġi implimentata t-tieni fażi tal-"Ordnijiet ta' Emergenza". Waqt it-tieni fażi l-Kummissajarji Straordinarji se jkollhom: - isibu siti xierqa għal kampijiet ġodda "regolari" sabiex jieħdu post dawk irregolari, - jassiguraw li t-tfal jattendu l-iskola - jippromwovu l-integrazzjoni tal-komunitajiet, għajnuna soċjali u tas-saħħa, taħriġ u xogħol; Għal issa l-abitanti tal-***kampijiet tan-nomadi*** wieġbu b'mod pożittiv għaċ-ċensiment, immirat biex jagħtihom identità u futur.	Hu informa wkoll lid-delegazzjoni li 1525 tifel u tifla kienu jattendu l-iskola, li juri l-ħtieġa *għal* pjan li kellu jitfassal dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, *mal*-UNICEF *u mal*-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar. Skont l-iskeda attwali ċ-"ċensiment" fit-3 reġjuni se jkun tlesta sa nofs Ottubru *u f'dak* il-mument biss tibda tiġi implimentata t-tieni fażi tal-"Ordnijiet ta' Emergenza". Waqt it-tieni fażi l-*Kummissarji* Straordinarji se jkollhom: - isibu siti xierqa *għall*-kampijiet "regolari" *il-ġodda* sabiex jieħdu post dawk irregolari, - *ikunu żguri* li t-tfal jattendu l-iskola - jippromwovu l-integrazzjoni tal-komunitajiet, *l*-għajnuna soċjali u tas-saħħa, *it*-taħriġ u *x*-xogħol; *Għalissa* l-abitanti tal-kampijiet ***tas-sistemazzjonijiet improvizzati*** wieġbu b'mod pożittiv għaċ-ċensiment, immirat biex jagħtihom identità u futur.

Or. en

Emenda 36
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 3 - paragrafu 3

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-	Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-

Affarijiet Barranin	Affarijiet *Ewropej*
Hu informa wkoll lid-delegazzjoni li 1525 tifel u tifla kienu jattendu l-iskola, li juri l-ħtieġa ta' pjan li kellu jitfassal dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-UNICEF, l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar. Skont l-iskeda attwali ċ-"ċensiment" fit-3 reġjuni se jkun tlesta sa nofs Ottubru u li f'dak il-mument biss tibda tiġi implimentata t-tieni fażi tal-"Ordnijiet ta' Emergenza". Waqt it-tieni fażi l-Kummissajarji Straordinarji se jkollhom: - isibu siti xierqa għal kampijiet ġodda "regolari" sabiex jieħdu post dawk irregolari, - jassiguraw li t-tfal jattendu l-iskola - jippromwovu l-integrazzjoni tal-komunitajiet, għajnuna soċjali u tas-saħħa, taħriġ u xogħol; Għal issa l-abitanti tal-kampijiet tan-nomadi wieġbu b'mod pożittiv għaċ-ċensiment, immirat biex jagħtihom identità u futur.	Hu informa wkoll lid-delegazzjoni li 1525 tifel u tifla kienu jattendu l-iskola, li juri l-ħtieġa *għal* pjan li kellu jitfassal dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, *mal*-UNICEF *u mal*-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar. Skont l-iskeda attwali ċ-"ċensiment" fit-3 reġjuni se jkun tlesta sa nofs Ottubru *u f'dak* il-mument biss tibda tiġi implimentata t-tieni fażi tal-"Ordnijiet ta' Emergenza". Waqt it-tieni fażi l-*Kummissarji* Straordinarji se jkollhom: - isibu siti xierqa *għall*-kampijiet "regolari" *il-ġodda* sabiex jieħdu post dawk irregolari, - *ikunu żguri* li t-tfal jattendu l-iskola - jippromwovu l-integrazzjoni tal-komunitajiet, *l*-għajnuna soċjali u tas-saħħa, *it*-taħriġ u *x*-xogħol; *Għalissa* l-abitanti tal-kampijiet tan-nomadi wieġbu b'mod pożittiv għaċ-ċensiment, immirat biex jagħtihom identità u futur. ***Miż-żjarat li saru fil-kampijiet deher ċar li l-abitanti ma aġixxewx b'mod pożittiv għaċ-ċensiment. Dawk li ma ħarbux qalu li*** ***- ħassewhom bħal għasafar f'gaġġa*** ***- uliedhom batew miż-żjarat billejl tal-pulizija u minħabba f'hekk filgħodu kienu għajjenin wisq biex imorru l-iskola*** ***- it-tfal identifikati ma kinux offruti edukazzjoni.***

Or. en

Emenda 37
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 3 - paragrafu 5

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-	Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-

Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet Barranin	Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet *Ewropej*
B'mod aktar speċifiku dwar dawn it-testi l-Ministru MARONI informa lid-delegazzjoni tal-LIBE li - il-Kummissjoni Ewropea ma qablitx biss mad-digriet rigward iċ-ċittadini tal-UE u l-libertà ta' moviment, filwaqt li kien irċieva approvazzjoni fuq iż-żewġ miżuri l-oħra (dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja u l-ażil); se jkun meħtieġ eżami supplimentari fil-gvern u fil-parlament Taljan u li hu se jibgħat test rivedut lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew sabiex jevitaw nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-UE.	B'mod aktar speċifiku dwar dawn it-testi l-Ministru MARONI informa lid-delegazzjoni tal-LIBE li - il-Kummissjoni Ewropea ma qablitx biss mad-digriet rigward iċ-ċittadini tal-UE u l-libertà ta' moviment, filwaqt li kien irċieva approvazzjoni fuq iż-żewġ miżuri l-oħra (dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja u l-ażil); ***Fid-19 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni kienet għadha ma ħaditx pożizzjoni; kien biss il-Kummissarju Barrot li għamel dan.*** se jkun meħtieġ eżami supplimentari fil-gvern u fil-parlament Taljan u li hu se jibgħat test rivedut lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew sabiex *jiġi evitat* nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-UE.
	Or. en

Emenda 38
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 3 - paragrafu 7

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet Barranin	Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet *Ewropej*
Rigward iċ-ċensiment tal-***kampijiet tan-nomadi*** u d-dejta miġbura f'Napli qabel ma ħarġu l-linji gwida, il-Ministru qal li ser jerġgħu jiġu pproċessati skont il-linji gwida.	Rigward iċ-ċensiment tal-***persuni li jgħixu fis-sistemazzjonijiet improvizzati*** u d-dejta miġbura f'Napli qabel *ma ħarġu* l-linji gwida, il-Ministru qal li ser jerġgħu jiġu pproċessati skont il-linji gwida.
	Or. en

Emenda 39
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 3 - paragrafu 8

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet Barranin	Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet *Ewropej*
Huwa informa wkoll lid-delegazzjoni li minn meta kien hemm l-approvazzjoni tad-"digriet ta' Amato", kienu tkeċċew 350 ċittadin tal-UE, fuq bażi ta' każ b'każ, minħabba att amministrativ speċifiku u li ma hemmx ċittadini tal-UE f'ċentri ta' detenzjoni temporanja għall-immigranti.	Huwa informa wkoll lid-delegazzjoni li minn meta kien hemm l-approvazzjoni tad-"digriet ta' Amato", kienu tkeċċew 350 ċittadin tal-UE, fuq bażi ta' każ b'każ, minħabba att amministrativ speċifiku u li ma hemmx ċittadini tal-UE f'ċentri ta' detenzjoni temporanja għall-immigranti. ***Jibqa' l-fatt li saru u forsi għadhom isiru tkeċċijiet kollettivi, fejn persuni tilfu dak kollu li kellhom. Dan ma ġarax biss f'Napli, fid-distrett ta' Ponticelli.***

Or. en

Emenda 40
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Friday 19 September 2008 - punt 3 - paragrafu 9

Test tar-rapport	*Emenda*
Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet Barranin	Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet *Ewropej*
Rigward l-attakki fil-kamp ta' Ponticelli, il-Ministru MARONI ddikjara li l-inkjesta ġudizzjarja għada għadejja.	Rigward l-attakki fil-kamp ta' Ponticelli, il-Ministru MARONI ddikjara li l-inkjesta ġudizzjarja *għadha* għadejja. ***X'inkjesta ġudizzjarja se ssir, rigward il-bosta qtil ta' Roma minn persuni mhux magħrufa?***

Or. en

Emenda 41
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008

Test tar-rapport	*Emenda*
Żjara ta' żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma [1] Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma	Żjara *f'*żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma [2] Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma
Skont l-istampa, hemm 650 persuna jgħixu fil-kamp Casalino 900, li minnhom 250 huma taħt l-età. ***Il-ħolqien tal-Kamp ilu aktar minn*** 35 sena ***u qatt ma ġie awtorizzat.*** Minkejja li fil-ġranet preċedenti is-Servizzi tas-Sanità tal-Kontea ħarġu aktar minn 500 tunnellata ta' materjal 'l barra mill-kamp, dan tal-aħħar deher bħala grupp ta' barrakki li jinsab f'kundizzjoni ħażina ħafna, bħal "favela". Is-sitwazzjoni tkompli tiggrava minħabba n-nuqqas ta' provvista ta' ilma u elettriku kif ukoll għas-sistema ta' tisħin (li ngħalqet wara li waqt żjara tal-aġenti tal-infurzar tal-liġi dawn tal-aħħar skoprew li ma kenitx stabbilita b'mod legali).	*Hemm* 650 persuna jgħixu fil-kamp Casalino 900, li minnhom 250 huma taħt l-età***. Din is-sistema improvizzata nħolqot*** 35 sena ***ilu***, ***u sa mill-bidu nett kienet nieqsa b'mod irreparabbli mill-ħtiġijiet minimi tal-iġjene u tas-saħħa.*** Minkejja li fil-ġranet preċedenti *għaż-żjara s-*Servizzi tas-Sanità tal-Kontea ħarġu aktar minn 500 tunnellata ta' materjal 'l barra mill-kamp, dan tal-aħħar deher bħala grupp ta' barrakki li *jinsabu* f'kundizzjoni ħażina ħafna, bħal "favela". Is-sitwazzjoni *hija ggravata wkoll min-*nuqqas ta' provvista ta' ilma u *min-nuqqas ta'* elettriku kif ukoll *ta'* sistema ta' tisħin (li ngħalqet wara li*,* waqt żjara tal-aġenti tal-infurzar tal-liġi*,* dawn tal-aħħar skoprew li ma *kinitx* stabbilita b'mod legali).

Or. it

Emenda 42
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008

Test tar-rapport	*Emenda*
Żjara ta' żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma	Żjara *f'*żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma [3]

[1] Il-kampijiet jaqblu mal-grupp politiku fl-10.09.2008.
[2] Il-kampijiet jaqblu mal-grupp politiku fl-10.09.2008.

Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma	Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma
Skont dikjarazzjoni ***informali, li saret fuq il-post,*** l-għeluq ta' Casilino 900 u t-trasferiment tal-abitanti tiegħu għal kamp "regolari" hija priorità għall-Awtoritajiet Taljani.	***Skont*** *dikjarazzjonijiet* ***uffiċjali*** l-għeluq ta' Casilino 900 u t-trasferiment tal-abitanti tiegħu għal kamp "regolari" hija priorità għall-Awtoritajiet Taljani.

Or. it

Emenda 43
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008 - nota ta' qiegħ il-paġna

Test tar-rapport	*Emenda*
Żjara ta' żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma	Żjara *f'*żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma
[1] ***Il-kampijiet jaqblu mal-grupp politiku fl-10.09.2008.***	***[1] Il-Kamp ta' Casilino 900 qiegħed ikun suġġett mill-Magistratura għal inkjesta tal-prokura ta' Ruma tad-Direzione Antimafia li qiegħda tinvestiga ċerti attivitajiet illlegali. Ir-Repubblica: "It-teżor sigriet tan-nomadi, miljun fil-kamp tar-Roma" (4/12/2008); Il Tempo: "F'Casilino 900 sekwestru ta' beni li jiswew miljun euro – minkejja li jgħixu fi griebeġ kellhom appartamenti, karozzi ta' potenza kbira, u 26 kont kurrenti fil-banek" (03/12/2008); Il Messaggiero: "Casilino 900, issekwestrati 2 miljuni euro mingħand ir-Roma" (03/12/2008).***

Or. it

Emenda 44
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008

Test tar-rapport	*Emenda*
Żjara ta' żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma	Żjara *f'*żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma

Campo Salone, Via di Salone 323, Roma Il-kamp Salone hu ġestit mill-*Comune di Roma*, flimkien ma' koperattiva soċjali. ***Skont l-istampa,*** dan hu magħmul minn 135 kontejner jew karavani, u hawn jgħixu 700 persuna. Xarabank li tieħu t-tfal l-iskola hija provduta u xi wħud mir-Roma jaħdmu barra mill-kamp. Mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher li l-kundizzjonijiet li qegħdin jgħixu fihom huma ferm aħjar minn dawk tal-kamp Casalino 900 u jagħtu prova li jista' jkun hemm aktar dinjità umana li tmur ma' residenza temporanja. Għalhekk, anke f'dan il-każ kien diffiċli li wieħed jifhem kif in-nies li ilhom jgħixu hemm snin għadhom ikkunsidrati bħala "nomadi".	Campo Salone, Via di Salone 323, Roma Il-kamp Salone hu ġestit mill-Comune di Roma, flimkien ma' koperattiva soċjali. *D*an hu magħmul minn 135 kontejner jew *karavan*, u hawn jgħixu 700 persuna. *Ġiet ipprovduta xarabank* li tieħu t-tfal l-*iskola u* xi wħud mir-Roma jaħdmu barra mill-kamp. Mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher li l-kundizzjonijiet li qegħdin jgħixu fihom huma ferm aħjar minn dawk tal-kamp Casalino 900 u *jikkonfermaw* li jista' jkun hemm aktar dinjità umana *f'*residenza temporanja. Għalhekk, anke f'dan il-każ*,* kien diffiċli li wieħed jifhem kif in-nies li ilhom jgħixu hemm *is*-snin għadhom ikkunsidrati bħala "nomadi".

Or. it

Emenda 45
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008

Test tar-rapport	*Emenda*
Żjara ta' żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma	Żjara *f'*żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma
Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma Skont l-istampa, hemm 650 persuna jgħixu fil-kamp Casalino 900, li minnhom 250 huma taħt l-età. Il-ħolqien tal-Kamp ilu aktar minn 35 sena u qatt ma ġie awtorizzat. Minkejja li fil-ġranet preċedenti is-Servizzi tas-Sanità tal-Kontea ħarġu aktar minn 500 tunnellata ta' materjal 'l barra mill-kamp, dan tal-aħħar deher bħala grupp ta' barrakki li jinsab f'kundizzjoni ħażina ħafna, bħal "favela". Is-sitwazzjoni tkompli tiggrava minħabba n-nuqqas ta' provvista ta' ilma u elettriku kif ukoll għas-sistema ta' tisħin (li ngħalqet wara li waqt żjara tal-aġenti tal-infurzar	Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma Skont l-istampa, hemm 650 persuna jgħixu fil-kamp Casalino 900, li minnhom 250 huma taħt l-età. *Il-Kamp inħoloq* aktar minn 35 sena *ilu**, ferm qabel it-tkabbir tal-UE, li ssemmiet mill-kelliema waqt il-laqgħat imsemmija hawn fuq, bħala fatt li kkontribwixxa għas-sitwazzjoni attwali,*** u qatt ma ġie awtorizzat. Minkejja li fil-ġranet preċedenti is-Servizzi tas-Sanità tal-Kontea ħarġu aktar minn 500 tunnellata ta' materjal 'l barra mill-kamp, dan tal-aħħar deher bħala grupp ta' barrakki li *jinsabu* f'kundizzjoni ħażina ħafna, bħal "favela". Is-sitwazzjoni *hija ggravata wkoll min-*

tal-liġi dawn tal-aħħar skoprew li ma kenitx stabbilita b'mod legali). Diversi membri tad-delegazzjonijiet żaru l-kamp u tkellmu mal-abitani dwar il-kundizzjonijiet li jinsabu fihom. Il-President Deprez sab li s-sitwazzjoni hi verament tal-biża' b'mod partikolari minħabba ż-żmien li ilhom f'din is-sitwazzjoni kif ukoll in-nuqqas tal-istandards minimi ta' ħajja normali. Skont dikjarazzjoni informali li saret fuq il-post, l-għeluq ta' Casilino 900 u t-trasferiment tal-abitanti tiegħu għal kamp "regolari" hija priorità għall-Awtoritajiet Taljani.	nuqqas ta' provvista ta' ilma u *min-nuqqas ta'* elettriku kif ukoll *ta'* sistema ta' tisħin (li ngħalqet wara li, waqt żjara tal-aġenti tal-infurzar tal-liġi, dawn tal-aħħar skoprew li ma *kinitx* stabbilita b'mod legali). Diversi membri tad-delegazzjonijiet żaru l-kamp u tkellmu mal-abitani dwar il-kundizzjonijiet li jinsabu fihom. Il-President Deprez sab li s-sitwazzjoni hi verament tal-biża', b'mod partikolari minħabba ż-żmien li ilhom f'din is-sitwazzjoni, kif ukoll *minħabba n*-nuqqas tal-istandards minimi ta' ħajja normali. Skont dikjarazzjoni informali li saret fuq il-post, l-għeluq ta' Casilino 900 u t-trasferiment tal-abitanti tiegħu għal kamp "regolari" hija priorità għall-Awtoritajiet Taljani.
Campo Salone, Via di Salone 323, ***Roma***	Campo Salone, Via di Salone 323, ***Ruma***
Il-kamp Salone hu ġestit mill-***Comune di Roma***, flimkien ma' koperattiva soċjali. Skont l-istampa dan hu magħmul minn 135 kontejner jew karavani, u hawn jgħixu 700 persuna. Xarabank li tieħu t-tfal l-iskola hija provduta u xi whud ***mir-Roma*** jaħdmu barra mill-kamp. Mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher li l-kundizzjonijiet li qegħdin jgħixu fihom huma ferm aħjar minn dawk tal-kamp Casalino 900 u jagħtu prova li jista' jkun hemm aktar dinjità umana li tmur ma' residenza temporanja. Għalhekk, anke f'dan il-każ kien diffiċli li wieħed jifhem kif in-nies li ilhom jgħixu hemm snin għadhom ikkunsidrati bħala "***nomadi***".	Il-kamp Salone hu ġestit mill-***Belt ta' Ruma***, flimkien ma' koperattiva soċjali. Skont l-istampa dan hu magħmul minn 135 kontejner jew *karavan*, u hawn jgħixu 700 persuna. *Ġiet ipprovduta xarabank* li tieħu t-tfal l-iskola u xi whud ***mill-abitanti*** jaħdmu barra mill-kamp. Mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher li l-kundizzjonijiet li qegħdin jgħixu fihom huma ferm aħjar minn dawk tal-kamp *Casilino* 900 u *jikkonfermaw* li jista' jkun hemm aktar dinjità umana *f'*residenza temporanja. Għalhekk, anke f'dan il-każ, kien diffiċli li wieħed jifhem kif in-nies li ilhom jgħixu hemm *is*-snin għadhom ikkunsidrati bħala ***"bla dar"***.

Or. en

Amendement 46
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
1. setgħet tivverifika t-tensjoni socjali u l-klima li attwalment qiegħda tikkaratterizza l-Italja fir-rigward tas-sitwazzjoni tan-nomadi. L-ansjetà qiegħda tinfirex ma' kullimkien u qisha qed tkabbar is-sens ta' insigurtà fost iċ-ċittadini Taljani u barranin fil-ħajja ta' kuljum. Kien hemm żieda fl-atti ta' ksenofobija u razziżmu, uħud minnhom involuta vjolenza li qatt ma kien hemm bħalha. L-"allarm soċjali" imsemmi, li jiġġustifika l-"Pakkett ta' Sigurtà" u l-"Ordnijiet ta' Emerġenza", għadu hemm, u r-rwol ta' reazzjoni esaġerata tal-midja u tad-diskorsi politiċi jidhru li qed iktar iqanqlu milli jikkalmaw it-tensjoni ta' bħalissa fis-socjetà Taljana;	***Imħassra***

Or. it

Emenda 47
Roberto Fiore

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
1. setgħet ***tivverifika t-tensjoni socjali u l-klima li attwalment qiegħda tikkaratterizza l-Italja fir-rigward tas-sitwazzjoni tan-nomadi. L-ansjetà qiegħda tinfirex ma' kullimkien u qisha qed tkabbar is-sens ta' insigurtà fost iċ-ċittadini Taljani u barranin fil-ħajja ta' kuljum. Kien hemm żieda fl-atti ta' ksenofobija u razziżmu, uħud minnhom involuta vjolenza li qatt ma kien hemm bħalha. L-"allarm soċjali" imsemmi, li jiġġustifika l-"Pakkett ta' Sigurtà" u l-"Ordnijiet ta' Emerġenza", għadu hemm, u r-rwol ta' reazzjoni esaġerata tal-midja u tad-diskorsi politiċi jidhru li qed iktar***	1. setgħet ***tivverifika li, l-unika forma ta' "razziżmu", tista' tiġi osservata meta l-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni Taljana, permezz ta' sentenza reċenti tagħha, tapplika b'mod inugwali l-leġiżlazzjoni fis-seħħ u b'hekk toħloq ġustifikazzjoni applikabbli esklussivament fil-konfront tar-Roma..*** ***B'dan il-mod, is-suppożizzjoni li l-liġi hija "l-istess għal kulħadd" titlef kull valur prattiku, u r-Roma jsib ruħu mhux qed jittella' l-qorti minħabba mġiba li kieku lil Taljan tiswielu kundanna ċerta. Imma dan mhux kollox. Bis-sentenza msemmija hawn fuq, qiegħda ssir tabilħaqq***

iqanqlu milli jikkalmaw it-tensjoni ta' bħalissa fis-socjetà Taljana;	***diskriminazzjoni fil-konfront tat-tfal tar-Roma, peress li "t-talb għall-karità", meqjus bħala parti intrinsika tal-kultura tagħhom – li sar ġustifikabbli – jibqa' l-unika prospettiva ta' xogħol u forma ta' manteniment futur.***

Or. it

Emenda 48
Giusto Catania

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 1

Test tar-rapport	*Emenda*
1. setgħet tivverifika t-tensjoni socjali u l-klima li attwalment qiegħda tikkaratterizza l-Italja fir-rigward tas-sitwazzjoni tan-nomadi. L-ansjetà qiegħda tinfirex ma' kullimkien u qisha qed tkabbar is-sens ta' insigurtà fost iċ-ċittadini Taljani u barranin fil-ħajja ta' kuljum. Kien hemm żieda fl-atti ta' ksenofobija u razziżmu, uħud minnhom involuta vjolenza li qatt ma kien hemm bħalha. L***-"allarm soċjali" imsemmi, li jiġġustifika l-"Pakkett ta' Sigurtà" u l-"Ordnijiet ta' Emerġenza", għadu hemm, u r-***rwol ta' reazzjoni esaġerata tal-midja u tad-diskorsi politiċi jidhru li qed iktar iqanqlu milli jikkalmaw it-tensjoni ta' bħalissa fis-socjetà Taljana.	1. setgħet tivverifika t-tensjoni socjali u l-klima li attwalment qiegħda tikkaratterizza l-Italja fir-rigward tas-sitwazzjoni tan-nomadi. L-ansjetà qiegħda tinfirex ma' kullimkien u *qisu qiegħed jikber* is-sens ta' insigurtà fost iċ-ċittadini Taljani u barranin fil-ħajja ta' kuljum. Kien hemm żieda fl-atti ta' ksenofobija u *ta'* razziżmu, *b'*uħud minnhom *jinvolvu* vjolenza li qatt ma kien hemm bħalha *qabel*. *Ir*-rwol ta' reazzjoni esaġerata tal-midja u tad-diskorsi politiċi ***li jassoċjaw dawk li mhumiex Taljani mal-kriminalità*** *jidher* li *iktar* qed *iqanqal* milli *jikkalma* t-tensjoni ta' bħalissa fis-socjetà Taljana.

Or. en

Emenda 49
Giusto Catania

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 2

Test tar-rapport	*Emenda*
2. setgħet teżmina ***u tifhem, b'mod parzjali,*** il-komplessità legali tal-miżuri differenti li ħadu l-Awtoritajiet Taljani fil-qafas tal-hekk imsejjaħ "pakket ta' sigurtà". Il-pakkett jgħaqqad flimkien id-Digriet tal-Liġi mibdul f'liġi, tliet digrieti leġiżlattivi, abbozz ta' liġi ordinarja u erba' ordnijiet tal-Gvern adottati skont il-mekkaniżmu tal-protezzjoni ċivili. Tali formazzjoni komplessa legali kienet (u tibqa') diffiċli biex wieħed jifhimha. ***Il-komunikazzjoni tagħha lill-pubbliku ġenerali u lill-midja tidher li kienet issimplifikata u inkorretta, ħolqot zoni oskuri li ħtieġu aktar*** internenti bħal, pereżempju, l-adozzjoni (wara t-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE u l-adozzjoni tal-Riżoluzzjoni tal-PE) tal-linji gwida Ministerjali li jakkumpanjaw l-"ordnijiet" tal-Gvern.	2. setgħet *teżamina l*-komplessità legali tal-miżuri differenti li ħadu l-Awtoritajiet Taljani fil-qafas tal-hekk imsejjaħ "pakket ta' sigurtà". Il-pakkett jgħaqqad flimkien id-Digriet tal-Liġi mibdul f'liġi, tliet digrieti leġiżlattivi, abbozz ta' liġi ordinarja u erba' ordnijiet tal-Gvern adottati skont il-mekkaniżmu tal-protezzjoni ċivili. Tali formazzjoni *legali komplessa* kienet (u tibqa') diffiċli biex wieħed jifhimha. ***Wara, kienu meħtieġa aktar*** *interventi* bħal, pereżempju, l-adozzjoni (wara t-talba *għal* informazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE u l-adozzjoni tal-Riżoluzzjoni tal-PE) *ta'* linji gwida Ministerjali li jakkumpanjaw l-"ordnijiet" tal-Gvern.

Or. en

Emenda 50
Mario Borghezio, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 2

Test tar-rapport	*Emenda*
2. setgħet teżmina***, u tifhem, b'mod parzjali, il-komplessità legali tal-miżuri differenti li ħadu l-Awtoritajiet Taljani fil-qafas tal-hekk imsejjaħ "pakkett ta' sigurtà". Il-pakkett jgħaqqad flimkien id-Digriet tal-Liġi mibdul f'liġi, tliet digrieti leġiżlattivi, abbozz ta' liġi ordinarja u erba' ordnijiet tal-Gvern adottati skont il-mekkaniżmu tal-protezzjoni ċivili. Tali formazzjoni komplessa legali kienet (u tibqa') diffiċli biex wieħed jifhimha. Il-komunikazzjoni tagħha lill-pubbliku***	2. setgħet ***teżamina l-miżuri li ġew adottati mill-Awtoritajiet Taljani, li jikkonsistu f'digriet presidenzjali u fi tliet ordnijiet***;

ġenerali u lill-midja tidher li kienet issimplifikata u inkorretta, ħolqot zoni oskuri li ħtieġu aktar interventi bħal, pereżempju, l-adozzjoni (wara t-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE u l-adozzjoni tal-Riżoluzzjoni tal-PE) tal-linji gwida Ministerjali li jakkumpanjaw l-"ordnijiet" tal-Gvern;

Or. it

Emenda 51
Giusto Catania

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 3

Test tar-rapport	*Emenda*
3) anke jekk kienet immarkata b'nuqqas ovvju ta' ftehim ***(probabbilment minħabba problemi fit-traduzzjoni)*** ta' intervent ta' membru tad-Delegazzjoni tal-LIBE, il-laqgħa mal-Membri tal-Parlament Taljan kienet verament interessanti minħabba li ***ppermettiet*** li ssir verifika tal-problemi li jistgħu jinqalgħu meta jiġu implimentati l-miżuri tal-UE (bħad-Direttiva fuq il-libertà tal-moviment taċ-Ċittadini tal-UE). Fit-tmiem tal-laqgħa ġiet iddikjarata x-xewqa li jiġu organizzati laqgħat oħra fuq kwistjoni aktar iffokata u bi tħejjija aktar profonda;	3) anke jekk kienet immarkata b'nuqqas ovvju ta' *fehim* ta' intervent ta' membru tad-Delegazzjoni *LIBE*, il-laqgħa mal-Membri tal-Parlament Taljan kienet verament interessanti minħabba li ***ppermettiet*** li ssir verifika tal-problemi li jistgħu jinqalgħu meta jiġu implimentati l-miżuri tal-UE (bħad-Direttiva *dwar* il-libertà tal-moviment taċ-Ċittadini tal-UE). Fit-tmiem tal-laqgħa ġiet iddikjarata x-xewqa li jiġu organizzati laqgħat oħra fuq kwistjoni aktar iffokata u bi tħejjija aktar profonda;

Or. en

Emenda 52
Elly de Groen-Kouwenhoven

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 3

Test tar-rapport	*Emenda*
3) ***anke jekk kienet immarkata b'nuqqas ovvju ta' ftehim (probabbilment minħabba problemi fit-traduzzjoni) ta' intervent ta' membru tad-Delegazzjoni tal-LIBE,*** il-laqgħa mal-Membri tal-Parlament Taljan kienet verament interessanti minħabba li ppermettiet li ssir verifika tal-problemi li jistgħu jinqalgħu meta jiġu implimentati l-miżuri tal-UE (bħad-Direttiva fuq il-libertà tal-moviment taċ-Ċittadini tal-UE). Fit-tmiem tal-laqgħa ġiet iddikjarata x-xewqa li jiġu organizzati laqgħat oħra fuq kwistjoni aktar iffokata u bi tħejjija aktar profonda.	3) ***minkejja li wieħed mill-Membri ewlenin tad-Delegazzjoni, il-pajjiż tagħha u l-komunità tar-Roma (deskritti bħala foki) kienu insultati mill-President PESCANTE fis-Senat u anke jekk il-Ministru Maroni apparantement ma kienx qiegħed jgħid il-verità f'diversi okkażjonijiet,*** il-laqgħa mal-Membri tal-Parlament Taljan kienet verament interessanti minħabba li ppermettiet li ssir verifika tal-problemi li jistgħu jinqalgħu meta jiġu implimentati l-miżuri tal-UE (bħad-Direttiva *dwar* il-libertà tal-moviment taċ-Ċittadini tal-UE). Fit-tmiem tal-laqgħa ġiet iddikjarata x-xewqa li jiġu organizzati laqgħat oħra fuq kwistjoni aktar iffokata u bi tħejjija aktar profonda.

Or. en

Emenda 53
Mario Borghezio, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 4

Test tar-rapport	*Emenda*
4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-UNHCR) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil ta żmien il-kundizzjoni tan-nies nomadi ma ġietx mogħtija biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi ***u li s-sitwazzjoni tpoġġiet f'periklu serju***;	4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-UNHCR) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil *ta'* żmien il-kundizzjoni tan-nies nomadi ma *ngħatatx* biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi;

Or. it

Emenda 54
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 4

Test tar-rapport	*Emenda*
4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-UNHCR) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil ta żmien il-kundizzjoni tan-***nies nomadi*** ma ġietx mogħtija biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u li s-sitwazzjoni tpoġġiet f'periklu serju;	4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-UNHCR) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil *ta'* żmien il-kundizzjoni *tal-****komunitajiet ta' persuni li jgħixu f'sistemazzjonijiet improvizzati*** ma *ngħatatx* biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u li s-sitwazzjoni tpoġġiet f'periklu serju;

Or. en

Emenda 55
Giusto Catania

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 4

Test tar-rapport	*Emenda*
4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-UNHCR) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil ta żmien il-kundizzjoni tannies nomadi ma ġietx mogħtija biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u li s-sitwazzjoni tpoġġiet f'periklu serju;	4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-***UNHCR***) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil *ta'* żmien il-kundizzjoni tannies nomadi ma *ngħatatx* biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u li s-sitwazzjoni tpoġġiet f'periklu serju;

Or. en

Emenda 56
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 5 - inċiż 2

Test tar-rapport	*Emenda*
- id-digriet leġiżlattiv li qiegħed jemenda l-leġiżlazzjoni Taljana li qiegħed jimplimenta d-Direttiva 2004/38 ***se jiġi rtirat u se jiġi adottat abbozz ġdid tal-liġi li jkun konformi mas-suggerimenti tal-Kummissjoni Ewropea u li ma jikkriminalizzax in-nonreġistrazzjoni wara tliet xhur ta' residenza, f'dan ir-rigward wieħed għandu jinnota li l-gvern irtira l-abbozz tad-digriet leġiżlattiv kif wiegħed;***	- id-digriet leġiżlattiv li qiegħed jemenda l-leġiżlazzjoni Taljana li *tittrasponi* d-Direttiva 2004/38 ***ġie sospiż***;

Or. it

Emenda 57
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 5 - inċiż 3

Test tar-rapport	*Emenda*
- iċ-"ċensiment" fil-***kampijiet tan-nomadi*** kellu l-għan li jtejjeb l-integrazzjoni soċjali tal-komunità konċernata, b'mod partikulari ta' dawk li huma taħt l-età;	- iċ-"ċensiment" *tal-****persuni li qegħdin jgħixu fis-sistemazzjonijiet improvizzati*** kellu l-għan li jtejjeb l-integrazzjoni soċjali tal-komunità *kkonċernata*, b'mod *partikolari* ta' dawk li huma taħt l-età;

Or. en

Emenda 58
Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 5 - inċiż 4

Test tar-rapport	*Emenda*
- ebda dejtabejż ma kienet u ma hi se tiġi maħluqa u d-dejta miġbura matul l-operazzjonijiet se tiġi trattata bħal kull dejta oħra simili ***u l-ebda persuna li għandha anqas minn 14-il sena ma hi se tiġi identifikata jew ma hu se jitteħdulha l-marki tas-swaba' mingħajr awtorizzazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja; f'dan il-każ, il-verifikazzjonijiet xierqa se jkunu r-responsabiltà tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Dejta***.	- *ma kienet u mhi se tinħoloq l-*ebda *bażi ta' dejta* u d-dejta miġbura matul l-operazzjonijiet se tiġi *ttrattata* bħal kull dejta oħra simili***; l-awtorizzazzjoni tal-awtorità ġudizzarja hija prevista biss għall-marki tas-swaba', filwaqt li l-identifikazzjoni għandha ssir biss jekk tkun meħtieġa biex jiġu protetti l-minuri, b'mod partikolari biex jiġu protetti minn abbużi.***

Or. it

Emenda 59
Roberto Fiore

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 6

Test tar-rapport	*Emenda*
6. setgħet tivverifika l-impenn tal-awtoritajiet lokali sabiex isibu soluzzjoni xierqa għall-kampijiet tan-nomadi b'mod partikolari għas-sitwazzjoni "bħal favela" ta' kamp irregolari (Casilino 900) li ilu 35 sena u huwa biss 10 km 'l bogħod miċ-ċentru tal-belt kapitali tal-Italja.	***6. id-delegazzjoni tiddikjara li l-istat apparenti ta' faqar ta' dawk li jgħixu fil-kampjiet li żaret, fil-fatt inkixef mill-istħarriġ reċenti tal-pulizija ġudizzjarja u li minħabba f'dan l-istħarriġ setgħu jiġu kkonfiskati ammonti kbar ta' flus iddepożitati fuq kontijiet kurrenti f'isem xi familji tar-Roma li prežumibbilment ma kellhomx għaxja ta' lejla u kienu residenti fl-istess kamp.*** ***Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-beni ssekwestrati, mhux biss flus imma anki beni mobbli u immobbli, żgur ġejjin minn xi attività illegali li r-Roma wettqu waqt li kienu qegħdin fil-kampjiet ta' Ruma.***

Or. it

Emenda 60
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni - paragrafu 6

Test tar-rapport	*Emenda*
6) setgħet tivverifika l-impenn tal-awtoritajiet lokali sabiex isibu soluzzjoni xierqa għall-***kampijiet tan-nomadi*** b'mod partikolari għas-sitwazzjoni "bħal favela" ta' kamp irregolari (Casilino 900) li ilu 35 sena u huwa biss 10 km 'l bogħod miċ-ċentru tal-belt kapitali tal-Italja.	6) setgħet tivverifika l-impenn tal-awtoritajiet lokali sabiex isibu soluzzjoni xierqa għall-***persuni li qegħdin jgħixu fis-sistemazzjonijiet improvizzati,*** b'mod partikolari għas-sitwazzjoni "bħal favela" ta' kamp ***improvizzat u*** irregolari (Casilino 900) li ilu *mwaqqaf* 35 sena u *li jinsab* biss 10 km *'il* bogħod miċ-ċentru tal-belt kapitali tal-Italja.

Or. en

Emenda 61
Rareş-Lucian Niculescu

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE

Test tar-rapport	*Emenda*
Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE	***Imħassra***

Or. en

Emenda 62
Mario Borghezio, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE

Test tar-rapport	*Emenda*
Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE	***Imħassra***

Or. it

Emenda 63
Roberta Angelilli, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE

Test tar-rapport	*Emenda*
Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE	Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE
2007	2007
	27 ta' April.Tfajla Taljana, Vanessa Russo, ta' 22 sena mietet wara sigħat ta' agunija fi sptar wara li tfajla Rumena daħlitilha umbrella f'għajn waħda meta kienet fuq il-pjattaforma ta' stazzjon tal-ferrovija ta' taħt l-art f'Ruma. It-tfajla Rumena ġiet ikkundannata għal 16-il sena ħabs għal dan ir-reat.

Or. it

Emenda 64
Roberta Angelilli, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE

Test tar-rapport	*Emenda*
Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE	Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE
2007	2007
17 ta' Awwissu. Ċiklist Taljan ġie aggredit waqt li kienet f'Tor di Valle, subborg ta' Ruma. Iċ-ċiklista jmut ftit xhur kawża ta' din l-aggressjoni. Żewġ Rumeni ġew ikkundannati għal din l-aggressjoni.	**17 ta' Awwissu.** Ċiklist Taljan, ***is-Sur Luigi Moriccioli,*** ġie aggredit waqt li *kien* f'Tor di Valle, subborg ta' Ruma. Iċ-ċiklista jmut ftit xhur *wara minħabba* din l-aggressjoni. Żewġ Rumeni ġew ikkundannati għal din l-aggressjoni.

Or. it

Emenda 65
Roberta Angelilli, Mario Borghezio, Stefano Zappalà

Abbozz ta' rapport fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
ANNESS II

Test tar-rapport	*Emenda*
ANNESS II	***Imħassar***

Or. it